MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 8/2005/1

**Paul Portelli**

**vs**

**Rita Portelli**

**Il-Qorti,**

Fl-13 ta' Gunju 2005, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Permezz tal-avviz tat-talba tieghu, l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' tlett mija u tnax-il lira Maltin u sittin centezmu (Lm312.60) rapprezentanti s-sehem taghha mill-ispejjez tal-kawza "Joseph Portelli vs Paul Portelli et" Citazzjoni Numru 29/91 deciza fl-ewwel (1) ta' Dicembru 2000 u sussugwentament fl-appell fid-disgha u ghoxrin (29) ta'

Marzu 2004 u dana skond taxxi ufficjali rilaxxata mir-Registratur tal-Qorti, (Dok A u B) inkluz il-VAT, liema ammont gia’ thallas mill-atur ghan-nom tal-konvenuta bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Dicembru 2004 u l-ispejjes ta’ din il-procedura.

Il-konvenuta Rita Portelli rrezistiet din it-talba billi wiegbet:

1) Illi l-ammont reklamat mill-attur fi spejjez gudizzjarji mhuwiex dovut billi l-eccipjenti bhala l-persuna li lilha giet imhollija l-legittima mill-genituri taghha u mhux werrita bhal hutha, ma kellha u mhi tenuta tbaghti jew tikkontribwixxi ebda spejjez fil-kawza li saret dwar flus li kienu depozitati fil-Bank fuq isem il-missier u li ma kellha tibbenefika ruhha minn xejn minn dawn il-flus, u l-eccipjenti qatt ma rrezistiet it-talba gudizzjarja li kienet saret minn huha Joseph Portelli biex jigbor dawn l-istess flus tal-Bank;

2) Illi interament bla pregudizzju ghall-premess l-attur irid jipprova ta’ kif wasal ghas-somma minnu reklamata.

Filwaqt illi l-eccezzjoni indikata bin-numru 2 hija superfluwa, ghax huwa evidenti u assjomatiku li kull min jallega jrid jipprova, minghajr il-htiega li jkun hemm eccezzjoni f’dan is-sens, l-eccezzjoni bin-numru 1 hija fil-fatt zewg eccezzjonijiet u cioe’ (i) li l-konvenuta bhala legittimarja ma kellha tgawdi xejn mill-flus iddepozitati l-Bank f’isem missierha u huha u (ii) li qatt ma rrezistiet it-talba gudizzjarja li saret minn huha Joseph Portelli.

Fis-sentenza msemmija fl-avviz tat-talba, il-Qorti kkundannat lill-konvenuti fl-istess kawza, li kienu William, Peter Paul, Rita mart Carmelo Portelli, Paola Buttigieg, u Kathleen Joseph Portelli, biex ihallsu l-ispejjez tal-kawza solidalment bejniethom. Meta Qorti tikkundanna lil persuni solidalment bejniethom fil-konfront ta’ kreditur tkun qieghdha thalli mpregudikata l-posizzjoni interna ta’ bejniethom. Tkun qieghdha tawtorizza lill-kreditur jagixxi kontra kull wiehed minnhom ghad-debitu intier, izda ma tkunx b’daqshekk qieghdha tippronunzja ruhha dwar ir-relazzjonijiet interni bejn il-kondebituri,

b'mod li jekk il-haga li ghaliha gie maghmul id-dejn in solidum ma jkollux x'jaqsam hlief wiehed mill-kondebituri, dak hu obbligat ghad-dejn kollu lejn il-kondebituri l-ohra, u dawn, rigward dak il-kondebitur, jitqiesu bhala garanti (ara artiklu 1109 ta' Kap 16). B'danakollu, fis-sentenza msemmija, il-Qorti marret oltre minn hekk ghax iddikjarat ukoll, u dan fil-parti deciziva, li l-kundanna tal-konvenuti solidalment bejniethom kienet qeighdha ssir billi kienu huma li rrezistew li jirrikonoxxu lill-attur bhala l-proprjetarju tal-kont bankarju mertu ta' dik il-kawza. Dan il-pronunzjament jikkostitwixxi gudikat anke bejn l-istess konvenuti f'dik il-kawza[1], li allura huma prekluzi milli jistitwixxu kawzi bejniethom dwar min fosthom huwa responsabbli ghall-origini tad-debitu solidali minhabba r-resistenza ghat-talba tal-attur f'dik il-kawza. Il-Qorti ddecidiet, tajjeb jew hazin, li l-konvenuti **kollha** f'dik il-kawza – **inkluza Rita Portelli** irrezistew ingustament it-talbiet tal-attur. Ghalhekk issa Rita Portelli ma tistax iktar tallega li hija **ma rrezistietx** it-talbiet ta' huha Joseph Portelli. Il-Qorti iddecidiet mhux biss dwar l-obbligi tal-konvenuti fil-konfront tal-attur, imma wkoll (jigi enfasizzat, taht dan l-aspett biss) ghar-rigward tar-relazzjoni interna bejn id-debituri. F'dik il-kawza, hija baqghet kontumaci, u kontumacja tfisser opposizzjoni, jew resistenza, ghat-talba tal-attur.

L-anqas ma hija valida l-eccezzjoni l-ohra li hija legittimarja, u allura ma kienet se tgawdi xejn mir-rebh tal-kawza msemmija, u dan minhabba l-ostaklu tal-gudikat kif fuq inghad. It-Tribunal jixtieq izid li anke kieku ma kienx hemm l-ostaklu tal-gudikat, xorta wahda l-konvenuta ma kienx ikollha ragun, peress illi bhala legittimarja, hija kienet tibbenefika jekk fl-assi ereditarju ta' missierha kellu jidhol il-kont bankarju in kwistjoni, billi l-legittima titqies fuq l-assi kollu wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi (artiklu 620(2) kap 16). Ikbar ma jkun l-assi, ikbar tkun (bhala quantum) il-legittima.

[1] Ara f'dan ir-rigward *Anni Cuschieri et vs Paolo Vella noe – Prim'Awla – Imhallef M Caruana Curran – XLIX.ii.1001* fejn intqal li gudikati precedenti **u l-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet** ghandhom jigu mehudin bhala decisivi ghax ghall-partijiet jaghmlu stat definittiv.

Min-naha l-ohra, il-fatt illi Rita Portelli hija biss legittimarja tfisser li mill-assi ereditarju hija tiehu inqas minn hutha l-ohrajn, u allura ghandha thallas ghall-ispejjez skond sehemha biss. Dan l-aspett ma giex ikkunsidrat jew deciz fis-sentenza fuq imsemija u allura ma hemmx gudikat fir-rigward.

Mit-testment esibit jidher li kien hemm tmien ahwa u allura l-legittima lilha spettanti hija ta' ½ x 1/8 = 1/16. Pero' l-konvenuti kienu seba.

Ghalhekk l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu b'dan il-mod:

| | |
|---|---|
| Spejjez totali tal-kawza prim istanza kif intaxxati | 1730.74 |
| VAT | 240.75 |
| Total | 1970.81c5 |
| | |
| Total diviz bejn 6 (5 eredi konvenuti, 2 legittimarji li ghandhom ihallsu n-nofs tal-werrieta u allura jinghaddu bhala wiehed) | 329.46c9 |
| In-nofs jigi | 164.73 |
| Il-konvenuta diga hallset | 10.85 |
| Bilanc li fadlilha thallas | 153.88c5 |

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' in parte t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' LM153.88c5 bhala sehemha mill-ispejjez tal-kawza msemmija fl-avviz tat-talba. Spejjez ta' din l-istanza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-konvenuta u l-attur."

L-attur ipproceda fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza b' appell konsimili ghal dak minnu prezentat fl-appell l-iehor tieghu fil-kaz "Paul Portelli -vs- Peter Paul Buttigieg *nomine*" (Avviz Nru. 1/2005). Jirrizulta li anke t-twegiba ghall-appell odjern hi konsimili f' kull rispett ghar-risposta fl-appell l-iehor;

A skans ta' repetizzjoni din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet zvolti minnha fl-appell l-iehor, deciz kontestwalment, u taghmilhom applikabbli *mutatis mutandis* ghall-appell prezenti.

Ghal dawn il-motivi l-appell devolut mill-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' l-odjerna procedura kontra l-istess attur appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------